**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Mario Haber]**
**[Spettur Arthur Mercieca]**
**[Spettur Carlos Cordina]**

**vs**

**-omissis-**
**-omissis-**
**-omissis-**
**Adam Musa**
**Soler Unade**
**Ormar Mohammed**
**Seku Marco**
**-omissis-**
**Omar Hussein Mousa**
**-omissis-**
**Alen Mavam**
**-omissis-**
**-omissis-**
**Ismail Issa**
**-omissis-**
**Ibrahim Suso**
**-omissis-**
**-omissis-**
**-omissis-**
**-omissis**
**-omissis-**
**-omissis-**
**-omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 120/16**

**Illum, 29 ta' Frar, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Adam Musa maghruf bin0numru tal-Pulizija 11D-131; Soler Unade maghruf bin-numru tal-Pulizija 11D-065; Ormar Mohammed maghruf bin-numru tal-Pulizija 11F-241; Seku Marco maghruf bin-numru tal-Pulizija 11F-189; Omar Hussein Mousa maghruf bin-numru tal-Pulizija IIG-045; Ismail Issa maghruf bin-numru tal-Pulizija IID-115; u Ibrahim Suso IID-078.

Akkuzati talli:

i) Fis-16 ta' Awwissu 2011, ghall-habta tal-hdax ta' filghodu, fil-kumpless ta' detenzjoni gewwa Hal Safi, volontarjament hassru, ghamlu hsara u gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli u immobbli fuq proprjeta` liema hsara tammonta ghall-aktar minn elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

ii) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxar min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm din il-gemgha ta' nies ma kenitx giet imxewwxa minn xi hadd partikolari u aktar talli dak illi din il-migemgha ta' nies kellha bil-hsieb li taghmel, fil-fatt sar;

iii) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi taw in-nar lil dar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor gharix jew xi lok iehor, meta hemm gew kien hemm persuni fil-waqt tal-hruq;

iv) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkaw, jew ghamlu rezistenza bi vjolenza, jew b'hebb ta' xorta li ma jitqiesx vjolenza pubblika filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni ta' Ligi jew ta' ordni moghti skont il-Ligi mill-awtorita` kompetenti;

v) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurjaw jew heddu, jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe` diversi membri tal-Korp tal-Pulizija kif ukoll membri tal-Forzi Armati ta' Malta waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghwhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

vi) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew

ma hallewx jew fixxklu persuni inkarigati waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor bla jedd indahhlu fi dmirijiethom illi ma hallewx lil haddiehor jaghmlu dak id-dmir skont il-ligi;

vii) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunaw offiza ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' diversi membri tal-Korp tal-Pulizija kif ukoll tal-forzi armati ta' Malta;

viii) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waddbu gebel jew hwejjeg ohra iebsin ghall-istha, bjut, twieqi, bibieb, btiehi, fanali, hitan tad-djar ta' haddiehor; u

ix) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kisru l-paci pubblika u l-bon ordni.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz in-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju 2012 (a fol 512 tal-process) jidher illi l-imputati jinsabu akkuzati bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reati kkontemplati:

a) fl-Artikoli 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) fl-Artikoli 68(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) fl-Artikolu 96(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) fl-Artikoli 95 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) fl-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) fl-Artikoli 214, 217, 221 u 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) fl-Artikolu 339(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
h) fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
i) fl-Artikoli 17, 20, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-incident mertu ta' dina l-kawza inqala' gewwa Safi Barracks meta wara li certi immigranti irregolari li kienu detenuti hemmhekk ircevew informazzjoni dwar cahda tal-applikazzjonijiet taghhom ghar-refugju, dan wassal sabiex huma bdew jipprotestaw u ghalhekk inqala' dan l-incident.

Dan wassal sabiex il-protesta eskalat b'mod illi certi persuni bdew tielghin max-xibka li taqsam din il-proprjeta` ma' barra bil-konsegwenza li qattawha. Sussegwentement il-pulizija giet fuq il-post apparti xi membri tal-forzi armati sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni. Izda irrizulta li f'dak il-hin dawn il-persuni infexxew ikissru u jwaddbu dak kollu li beda gej ghal idejhom fid-direzzjoni tal-pulizija u l-membri tal-forzi armati bil-konsegwenza li xi diversi membri tal-pulizija u tal-armata sfaw midruba u saret ukoll hsara fil-bini tal-istess Safi Barraks u anke fuq il-vetturi tal-armata. Illi hareg ukoll illi f'dan il-mument il-membri tal-pulizija arrestaw min kien qed jiehu parti attiva fir-rewwixta u dawn kollha gew identifikati permezz ta' ritratti li ttiehdu fuq il-post dak il-hin sija tal-immigranti u anke ta' membri tal-korp tal-pulizija li garrbu xi griehi (fol 217 *et seq*).

Illi ma jidhirx illi l-awtenticita` ta' dawn ir-ritratti giet ikkontestata mid-difiza u kwindi il-Qorti tista' liberalment tistrieh fuqhom bhala evidenza ta' dak li sehh fil-jum ta' dan l-incident fejn kienu involuti l-imputati.

Ikkunsidrat, illi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju huma l-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9. Illi irid jigi puntwalizzat mill-bidunett illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha. Illi l-Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta' l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja

jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku; (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku; (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita.

Illi l-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu, ighidu hekk:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni,*
> *il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika. Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi

kommess fil-konfront ta’ ufficjal pubbliku jew ta’ persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Illi mbaghad, l-Artikolu 96, ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tliet elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta’ dana ir-reat: 1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi ikun hemm biss dizubbidjenza tal-ligi jew ta’ ordni moghtija minn xi awtorita` ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta’ dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid hekk:

> *“It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.”*

Fin-nuqqas ta’ dan jista’ jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina id-dizposizzjoni tal-ligi.

Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta’ ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi ***“persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku”***. Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar ‘il fuq u cioe` illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun

libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapacita` li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti il-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.

Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita` kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid:

> *"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-disgha (9) ta' Settembru 2002 inghad:

> *"Dana l-artikolu (b'referenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak isservizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Ikkunsidrat, Illi ma hemmx dubbju illi l-ufficjal tal-pulizija involuti f'dan l-incident kienu qeghdin jipprovaw izommu il-buon ordni u l-paci pubblika u ghalhekk kienu qeghdin jipprovaw jesegwixxu l-ligi billi jaghtu dawk l-ordnijiet mehtiega sabiex jikkontrollaw flimkien mall-pulizija l-ohra flimkien mal-membri tal-forzi armati. Fil-fatt dan jidher espressament mir-ritratti esebiti u gja` imsemmija hawn fuq fejn jidher illi numru ta' immigranti kienu qeghdin johduha kontra l-membri tal-pulizija u jwaddbu xi oggetti fid-direzzjoni taghhom u anke jkunu vjolenti bil-konsegwenza li xi membri tal-pulizija gew feruti u mhedda.

Illi ghal dawn il-motivi ma hemmx dubbju illi l-fattispecje ta' dana l-kaz jinkwadraw ruhhom perfettament fid-dispozittivi ta' l-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9. Illi l-akkuzi l-ohra li jitkellmu dwar l-offiza ta' natura hafifa u dik kontravenzjonali ai termini ta' l-Artikolu 338(ee) huma komprizi u involuti u ghalhekk japplikaw id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 meta tigi ghall-applikazzjoni tal-piena.

Ikkunsidrat, illi l-imputati jinsabu akkuzati wkoll bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 68(2) u (3) Kapitolu 9 li jghid hekk:-

> *"Kull min ixewwex ġemgħa ta' nies, illi hekk imxewwxa jinġabru f'numru ta' għaxra jew aktar, sabiex jagħmlu reat, jeħel, meta jinsab ħati, għall-fatt biss tat-tixwix, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa."*

Illi ghalhekk irid ikun hemm zewg elementi li flimkien iwasslu ghal kummissjoni ta' dana ir-reat u cioe` sehem attiv fil-gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar u l-intenzjoni taghhom li jinghaqdu sabiex jikkomettu reat.

Il-Pofessur Mamo fuq dan is-suggett jghid hekk:

> *"For a conviction of this crime, it is essential that the defendant should be proved to have taken an active part in the assembly by word, deed or conduct. Merely to join for a while out of curiosity is not enough. But if an active part is taken, whether from the beginning or at any subsequent stage, so long as the gathering lasts, the crime is complete if the gathering is of ten or more persons and its purpose is the commission of an offence."*

Illi a rigward dan jirrizulta illi gemgha ta' aktar minn ghaxra min-nies fil-fatt kien hemm u dawn kollha kellhom motiv wiehed u dak illi kienu rrabjati ghaliex ma gabux l-istat ta' refugjati. Fil-fatt xi whud minnhom gew ikkwotati jghajjtu il-kelma "FREEDOM" u ghalhekk l-ghan ewlieni taghhom kien li jeliminaw kull xkiel li jigi quddiemhom sabiex jaharbu u jiehdu il-liberta` taghhom.

Illi mill-provi prodotti johrog car illi minn dak li qal id-**<u>Detention Officer Tonio Magro</u>** fix-xhieda tieghu a fol 42 tal-process, illi huwa identifika lill-imputat *Yusef Kader Ahmed* bhala l-persuna li beda l-irvell u anke li waddab oggetti iebsin fid-direzzjoni tieghu kif ukoll lil *Ephrem Mekonnen, Seku Marco* u *Ibrahim Suso* bhala persuni li bdew iwaddbu oggetti lejn il-pulizija. Inoltre huwa identifika ukoll li l-istess *Seku Marco* kien kisser u ta n-nar lill-gardjola.

Illi ukoll id-**<u>Detentio Officer Ronald Schembri</u>** fix-xhieda tieghu a fol 48 tal-process jghid bil-gurament illi *Soler Unade, Yusef Kader Ahmed, Ephrem Mekonnen, Seku Marco, Ibrahim Suso, Andualem Assefa Ayu, Alen Mavam (Alain Loubota), Omar Bah, Draman Gawara* u *Mohammed Jamal Abdel Karim (Mohammed Jemal Muktar)* waddbu l-gebel u heddew lill-ufficjali prezenti.

Illi apparti l-akkuzati imsemmija hawn fuq id-**<u>Detention Officer Anton Fava</u>** fix-xhieda tieghu a fol 54 tal-process identifika wkoll lill-akkuzat *Ibrahim Konate* bhala wahda mill-persuni li kienu vjolenti fil-konfront tal-ufficjali.

Illi x-xhud **<u>Detention Officer John</u>** Borg fix-xhieda tieghu a fol 61 tal-process identifika lill-akkuzati *Omar Bah, Mohammed Jemal Muktar* u lil *Seku Marco* bhala l-persuni li bdew iwaddbu l-gebel lejn il-pulizija.

Illi ukoll ix-xhud **<u>Detention Officer Vincent Zammit</u>** identifika wkoll lill-akkuzati *Seku Marco* u lil *Ephrem Mekonnen* bhala l-persuni li bdew iwaddbu gebel u hadid lejn id-direzzjoni tal-pulizija.

**<u>Detention Officer Francis Sciberras</u>** fix-xhieda tieghu a fol 70 tal-process identifika lill-akuzat *Yusuf Kader Ahmed* bhala l-persuna li fi kliemu ***"beda jqatta' l-fence, beda joffendina, beda jghidilna: fuck Malta. Beda jghidilna: you are Libyans. Hekk jigifieri. Beda jqatta' il-fence ukoll. . .***

***beda jghidilna biex nigu u johrogilna subajh tan-nofs. . . Waddab il-gebel ukoll u beda jisfidana biex immorru lejh."***

**Gordon Pickard** li jahdem bhala maintenance f'Safi Barracks, fix-xhieda tieghu a fol 74 tal-process identifika lil *Seku Marco, Jammeh Ansu* u lil Alen Mavam (*Alain Loubota)* u lil *Yusuf Khadir Ahmed* bhala l-persuni li bdew iwaddbu l-gebel lejhom.

Finalment **Leutenant Roderick Azzopardi** fix-xhieda tieghu a fol 78 tal-process indika lil *Ephrem Mekonnen, Omar Bah* u lil *Draman Gawara* bhala l-persuni li kienu vjolenti lejn l-ufficjali.

**PS 1321 Eman Hayman** a fol 110 tal-process identifika wkoll lil *Ismail Issa (Soumalia Issa Ibrahim)* u lil *Jammeh Ansu* li dan tal-ahhar beda jincita lil nies ohra sabiex jghajjtu l-kelma "Freedom" u ma ried jikkopera b'xejn.

Illi l-**Ispettur Mario Haber** fix-xhieda tieghu a fol 148 tal-process filwaqt li spjega b'mod dettaljat x'gara dakinhar, identifika lil *Soler Unade, Omar Mohammed, Seku Marco,* u lil *Andualem Assefa Ayu* li kienu bil-gebel f'idejhom u li bdew iwaddbuhom.

Rat ukoll il-prova dwar il-hsarat a fol 96 u 124 *et seq* liema hsarat jammontaw ghal sitt elef, mija u hamsa u tletin Ewro (EUR 6,135).

Illi dwar il-kwistjoni tal-hsarat, il-Qorti ssibha ferm difficli sabiex issib htija rigward din l-ewwel akkuza stante illi ghalkemm gew identifikati liema mill-akkuzati bdew jitfghu il-gebel u allura wiehed jipprezupponi li saru xi danni, pero` din il-Qorti ma tistax tistabbilixxi liema mill-akkuzati jew min minnhom ikkaguna bhala dannu. Ghalhekk fid-dawl tac-cirkostanzi ma ssib lill-ebda mill-akkuzati hatja tal-ewwel akkuza.

Illi ugwalment a rigward l-akkuza tal-griehi fuq l-ufficjali pubblici u cioe` s-sitt (6) akkuza japplika l-istess principju u cioe` li ma gie rikonoxxut l-ebda persuna specifika li fil-fatt ikkagunaw dawn il-griehi. Ghal dawn il-motivi ma ssibx htija fuq l-ebda akkuzat ta' din l-akkuza.

A rigward ir-reati kkontemplati taht l-Artikoli 95 u 96 u 68(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta s-sitwazzjoni hija kemmxejn differenti. Aktar 'il fuq f'din is-sentenza gie stabbilit minn mill-akkuzati offrew rezistenza lill-ufficjali, uzaw il-vjolenza billi waddbu gebel u hadid u ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-istess ufficjali. Dawn kienu l-akkuzati **Yusef Khader Ahmed, Ephrem Mekonnen, Seku Marco, Ibrahim Suso, Soler Unade, Andualem Assefa Ayu, Alen Mavam (Alain Loubota), Omar Bah, Draman Gawara, Mohammed Jemal Abdel Karim (Mohammed Jemal Muktar), Ibrahim Konate, Jammeh Ansu u Soumalia Issa Ibrahim (Ismael Issa)**. Illi l-imputati l-ohra ma gewx bl-ebda mod identifikati mix-xhieda.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li ghalkemm ir-reati kienu gravi pero` tenut kont illi l-imputati kienu deluzi bil-fatt illi ma kienux ser jinhelsu, tikkompatihom xi ftit jew wisq izda xorta wahda tikkundanna l-fatt illi huma haduha kontra l-ufficjali pubblici li kienu qeghdin jaghmlu xoghlhom skont il-ligi u li ma kienx haqqhom dak it-trattament.

Illi ghalhekk l-akkuzi tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5), sebgha (7) u tmienja (8) gew ippruvati fil-konfront tal-akkuzati hawn fuq indikati.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325(1)(a), 68(2)(3), 96(b), 95, 339(1)(e), 338(ee), 214, 217, 221, 222(1)(c), 339(1)(c), 338(dd), 17, 20, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputati **Seku Marco (Nru 11F-189), Ibrahim Suso (Nru 11D-078), Soler Unade (Nru 11D-065), Alen Mavam (Nru 11D-051) u Ismael Issa (Nru 11D-155)** hatja tal-akkuzi tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5), sebgha (7) u tmienja (8) u tikkundannhom kull wiehed minnhom ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tliet (3) snin, filwaqt li tilliberhom mill-kumplament tal-akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

Il-Qorti ma ssibx lill-imputati **Mousa Omar Hussein (11G-045), Musa Adam (11D-131) u Mohammed Ormar (11F-241)** mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u tilliberhom minnhom.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imupati, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

______________________________________
**Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**